# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 15 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Numru 424/20TA**

**Fl-Atti tar-Rikors Maħluf Numru 967/18 TA, u wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1556/18 fl-ismijiet:-**

**Evgeny Ulanov et**

**vs**

**DELF Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Delf Limited tat-12 ta' Ġunju, 2020;

Rat id-Digriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2020;

Rat in-nota responsiva ta' Evgeny Ulanov u Kostantin Ulanov tas-7 ta' Lulju, 2020;

Rat il-verbal tad-9 ta' Lulju, 2020.

**Ikkunsidrat**

Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 l-Avukat Vincent Galea għal Delf Limited talab hekk:

"Illi l-ammont ta' Euro 25,261 miżmuma taħt l-Awtoritaċ tal-Qorti permezz ta' ċedola numru 2156/18 jibqgħu hekk depositati sakemm jiġu deċiżi finalment dawn il-proċeduri u ċioe' tal-Kawża fl-ismijiet fuq premessi, rikors 967/18 TA u jingħataw lil min ikun dovut skont il-ligi fi tmiem ta' dawn il-proċeduri. In vista ta' dan, il-mandat ta' sekwestru numru 1556/18 għandu jigi revokat in toto."

L-Avukat Umberto Borg Cardona għall-aħwa Ulanov iddikjara li "ma għandu ebda oġġezzjoni purche' illi jibqa' għall-ammont imsemmi fis-sekwestru imsemmi".

Il-partijiet qablu ukoll li għall-ispejjes jirrimettu rwieħhom għas-savju ġudizzju tal-Qorti.

Għaldaqstant in vista ta' dak li ġie verbalizzat fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 bejn il-partijiet il-Qorti qed tilqa' t-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1556/18 fl-ismijiet Evgeny Ulanov et -vs- DELF Limited u tordna (1) li jinħareg il-kontro-mandat opportun u (2) li l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf, mitejn u sittin ewro (€25,260) depositati mill-Bank of Valletta, fl-atti tal-mandat mertu ta' dawn

il-proċeduri, permezz taċ-ċedola 2156/2018 fl-ismijiet premessi, jibqgħu hekk depositati taħt l-Awtorita' ta' din il-Qorti u li jigu rilaxxjati biss lil min ikun intitolat għalihom fi tmiem tal-proċeduri fl-atti tar-rikors ġuramentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi, rikors numru 967/18TA.

In vista' taċ-ċirkostanzi spejjes ta' dawn il-proċeduri jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qed tordna li kopja ta' dan id-digriet jiġi notifikat lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili u li kopja fidila tieghu titqiegħed ukoll fl-atti taċ-ċedola msemmija.

**Mogħti kameralment illum 15 ta' Lulju, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**